**28 ta' Frar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Angela armla ta' John Fenech

*versus*

Joseph Felice *noe*

**Korp b'Personalità Ġuridika Distinta - Taħrika**

*L-artikolu 118 (a) tal-Kap. 12 jiddisponi b'mod ċar li meta tkun*

*preżentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalità ġuridika jkun biżżejjed li wieħed inizżel isem dak il-korp. Dan ifisser li jekk isem is-soċjetà li indubbjament għandha personalità ġuridika distinta tniżżel sewwa l-istess soċjetà tkun ġiet imħarrka sewwa u xejn iżjed mhu meħtieġ.*

*Huwa allura rrilevanti l-isem tal-persuna li hija ndikata bħala li għandha r-rappreżentanza ġuridika ta' dik is-soċjetà; kemm jekk hi indikata sewwa, kemm jekk hi indikata żbaljatament, kemm soċjetà waħedha, kemm jekk kellha tali rappreżentanza ma' ħaddieħor li ma jkunx ġie magħha ċitat.*

*Dawn huma dettalji li l-liġi ma tirrikjedix u jekk għal xi raġuni jokkorru fl-okkju, hu biżżejjed li l-Qorti tordna l-kanċellament ta' dawn l-ismijiet żejda biex l-atti jkunu regolarizzati.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn din id-deċiżjoni in parte tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Marzu, 1996 li biha l-Qorti laqgħet talba ta' l-attriċi għall-korrezzjoni fl-okkju tal-kawża;

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet:

*Omissis*;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* a fol. 15 fejn eċċepixxa:

Illi hu ma jirrappreżentax lis-soċjetà konvenuta u għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis*;

Il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment fuq it-talba ta' l-attriċi kontenuta fir-rikors tagħha, biex l-atti jiġu korretti *fis-sens li l-isem tal-konvenut Joseph Felice jiġi kkanċellat* u jitħalla biss l-isem tas-soċjetà konvenuta;

Illi skond l-emendi reċenti għall-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili l-Att 24/96 jipprovdi fl-artikolu 181A li "meta tiġi preżentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalità ġuridika distinta tkun biżżejjed li wieħed iniżżel isem dak il-korp";

Il-konvenut qed jissottometti fl-eċċezzjoni tiegħu li hu ma jirrappreżentax lis-soċjetà konvenuta u l-attriċi tidher li taqbel ukoll fuq dan;

Bit-talba ta' l-attriċi għall-korrezzjoni ma jkunx qed jiġi sostitwit il-konvenut b'ieħor iżda jkun qed jitneħħa biss il-persuna li suppost li tirrappreżenta dina s-soċjetà. Haġa dina li tista ssir taħt l-artikolu 175 tal-Kap. 12. F'dana l-każ, is-soċjetà konvenuta kienet mill-bidu nett konvenuta u tista' tibqa' tidher f'isimha mingħajr ħtieġa li jidher xi ħadd biex jirrappreżentaha;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attriċi għall-korrezzjoni, tordna li ssir il-korrezzjoni mitluba u billi m'hemmx lok li l-konvenut Joseph Felice jibqa' fil-kawża, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, spejjeż għall-attriċi li kkawżat dana l-inċident;

Il-kawża tibqa' differita għas-seba' u għoxrin (27) ta'

Marzu, 1996";

Appella minn dan id-digriet, wara li talab u ottjena d-debita awtorizzazzjoni biex jinterponi dan l-appell a tenur ta' l-emendi ġodda tal-Kap. 12, Joseph Felice għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Tower Limited. L-appellant *nomine* talab li din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tad-deċiżjoni fejn illiberat lil Joseph Felice *nomine* mill-osservanza tal-ġudizzju *ai termini* ta' l-eċċezzjoni preliminari mogħtija u tirrevoka *in toto* dik il-parti tad-deċiżjoni fejn akkordat il-korrezzjoni mitluba mill-atturi ċjoè il-kanċellament ta' l-isem "Joseph Felice" u b'hekk effettivament daħlet fil-kawża, ormai ineżistenti, lis-soċjetà Tower Limited;

It-talba tal-konvenut *nomine* hi bbażata fuq dan l-aggravju:

"Bid-deċiżjoni tagħha tas-6 ta' Marzu, 1996 filwaqt li lliberat lil Joseph Felice mill-osservanza tal-ġudizzju - ċjoè dak Joseph Felice li kien qiegħed fil-kawża in rappreżentanza tas-soċjetà u mhux personalment u għalhekk meta l-Qorti lliberat lilu, kienet qed tillibera, ċjoè toħroġ mill-kawża lis-soċjetà, b'hekk li allura din il-kawża ma kellhiex konvenut, li għalhekk ma kinitx teżisti, fl-istess ħin akkoradat it-talba ta' l-attriċi biex telimina miċ-ċitazzjoni l-isem ta' Joseph Felice, tħalli biss l-isem tas-soċjetà Tower Limited u b'hekk tati l-ħajja lil ċitazzjoni li qatt ma kienet twieldet;

*Omissis*;

L-Ewwel Onorabbli Qorti qalet illi dan it-tip ta' korrezzjoni hu ammissibbli għaliex biha mhux qed jiġi sostitwit konvenut b'ieħor; l-esponent jissottometti illi bil-korrezzjoni msemmija l-Ewwel Onorabbli Qorti marret oltre s-sostituzzjoni ta' konvenut b'ieħor, infatti, dato li meta ġiet ippreżentata ċ-

*ċitazzjoni, kienet għadha ma ġietx emendata l-proċedura, allura* r-rappreżentanza ħażina kienet tfisser li ma kienx hemm konvenut u għalhekk b'effett ta' dik il-korrezzjoni l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkreat konvenut, iżjed milli ssostitwietu";

Dan l-appell mhu xejn ħlief kavill legalistiku għal kollox insostenibbli fil-liġi. L-artikolu 118 (a) tal-Kap. 12 jiddisponi *b'mod ċar "meta tiġi preżentata skrittura minn jew kontra korp* li jkollu personalità ġuridika jkun biżżejjed li wieħed inniżżel isem dak il-korp". Dan ifisser illi jekk isem is-soċjetà li indubbjament għandha personalità ġuridika distinta ġie mniżżel sewwa mill-attriċi - u fuq dan ma hemm l-ebda kontestazzjoni - l-istess soċjetà tkun ġiet imħarrka sewwa u xejn iżmed mhu meħtieġ. Hu allura rrilevanti l-isem tal-persuna li hija indikata bħala *li għandha r-rappreżentanza ġuridika ta' dik is-soċjetà;* kemm jekk hi indikata sewwa, kemm jekk hi inidkata żbaljatament, kemm jekk kellha effettivament ir-rappreżentanza ġuridika tas-soċjetà waħedha, kemm jekk kellha tali rappreżentanza ma' ħaddieħor li ma jkunx ġie magħha ċitat. Dawn huma dettalji li l-liġi ma tirrikjedix u, jekk għal xi raġuni jokkorru fl-okkju, hu biżżejjed li l-Qorti tordna l-kanċellament ta' dawn l-ismijiet ormai żejda biex l-atti jkun regolarizzati. Dan għaliex - kuntrarjament għal dak li kienet il-posizzjoni qabel l-emendi - illum mhijiex ċitata l-persuna li għandha r-rappreżentanza ġuridika tas-soċjetà konvenuta biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, imma hi s-soċjetà innifisha *qua persona* ġuridika b'isimha u taħt isimha biss li tiġi ċitata. Għal kull fini u effett tal-liġi, allura, lanqas hu korrett li jingħad illi l-konvenut, Joseph Felice, ġie ċitat bħala parti in kawża anke jekk fil-vesti ta' rappreżentant tas-soċjetà konvenuta. Dan seta' kien il-każ qabel l-emendi u allura fil-mument tal-preżentata taċ-ċitazzjoni, imma ċertament mhux il-każ illum, wara dawk l-emendi. U la l-konvenut, f'ismu, mhux parti, strettament lanqas kien hemm lok li jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju fis-sens proprju tal-liġi. Fid-digriet appellat, l-Ewwel Qorti dehrilha li dan ikun l-

aħjar mod kif tiddisponi mit-talba biex *jinħareġ mill-kawża* Joseph Felice. In effetti l-Ewwel Qorti laqgħet eċċezzjoni tiegħu f'dan is-sens u sa hawn iddeċidiet sew. Il-fatt li lliberatu personalment *mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ebda mod ma* jaffettwa l-persuna li ġiet oriġinarjament ċitata fil-kawża u li kienet u baqgħet is-soċjetà konvenuta. Suppliet allura d-disposizzjoni tal-liġi kif issa emendata;

Hemm però punt importanti li jeħtieġ li jiġi rilevat għar-regolament futur *tal-proċeduri f'din il-kawża. Bħala* konsegwenza tal-liberazzjoni ta' Joseph Felice, inkwantu hu ma jirriżultax li kien jirrappreżenta lis-soċjetà konvenuta, meta ġiet notifikata bl-att taċ-ċitazzjoni, l-Ewwel Qorti *jeħtiġilha tinvesti* l-kwistjoni jekk allura s-soċjetà konvenuta kinitx ġiet jew le korrettement u validament notifikata bl-atti;

Dan għaliex jista' jagħti l-każ illi l-istess Joseph Felice ma jikkwalifikax bħala wieħed mill-persuni li skond is-subinċiż (2) ta' l-artikolu 181A tal-Kap. 12 hu awtorizzat *li jirrappreżenta lis-soċjetà fi proċeduri ġudizzjarji jew li jirċievi l-atti* ġudizzjarji f'isem is-soċjetà. Kif irid ukoll jiġi investigat jekk in-notifika saritx fl-uffiċċju reġistrata tas-soċjetà *ai termini* tas-subinċiż 4 (a) ta' l-artikolu 187;

Għal dawn il-motivi l-Qorti *tiċħad* l-appell u tikkonferma d-digriet appellat b'dan li l-Ewwel Qorti għandha qabel tipproċedi ulterjorment fit-trattazzjoni tal-kawża, tiġi verifikata l-korrettezza u l-validità tan-notifika ta' l-att taċ-ċitazzjoni u tad-dikjarazzjoni lis-soċjetà konvenuta li f'kull każ għandha tingħata l-opportunità li tagħmel nota ta' eċċezzjonijiet fil-meritu fejn dan hu permess mil-liġi. L-appell qed jiġi għalhekk miċħud;

L-ispejjeż ta' dan l-inċident, ħlief għal dawk ġà deċiżi,

ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti, stante li dan l-appell kellu riżultanzi utili ghall-kondotta tal-proċeduri fil-kawża.